MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 573/2003

**Taormina Holdings Limited**

**vs**

**Biochemicals International Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Gunju, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta konvenuta kienet akkwistat ishma fis-socjeta Price Club Holdings Limited;

Illi bi ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti, il-korrispettiv ghall-istess ishma kienu fil-fatt thallsu mis-socjeta attrici ghal beneficcju u vantagg tas-socjeta konvenuta;

Illi s-socjeta konvenuta kienet gia bdiet thallas lura lis-socjeta attrici l-valur tal-fuq imsemmija ishma u dana kemm bi prodotti u kif ukoll bi flus kontanti;

Illi ghad fadal bilanc ta prezz x'jithallas mis-socjeta konvenuta favur is-socjeta attrici in konnessjoni mall-akkordju precitat;

Illi s-socjeta' konvenuta kienet intrabtet u obbligat ruhha li tirriffondi l-
bilanc li kien fadal permezz ta pagamenti mensili;

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta bdiet taffettwa tali pagamenti mensili favur is-socjeta attrici kif miftiehem, dawn il-pagamenti waqqfu hesrem wara ftit xhur minnghajr ma nghatat ebda raguni;

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li ghad fadal bilanc x'jigi refuz u mhallas lis-socjeta attrici mis-socjeta konvenuta u dana stante li anke l-interpellanzi li saru ghal tali hlas kienu inutili;

Talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta ghad fadlilha bilanc ta flus xi thallas lis-socjeta attrici in konnessjoni mal-akkwist ta ishma kif fuq premess;
2. Tillikwida dak il-bilanc ta flus li fadal x'jithallas;
3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici dik is-somma flus hekk kif likwidata.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta mandat ta sekwestru datat 29 ta Mejju 2003 kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Biochemicals International Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi il-kumpannija konvenuta ma hijiex debitrici tal-attrici; f'dan ir-rigward l-eccipjenti tirrileva illi l-attrici ma esebiet l-ebda prospett dwar dak minnha mitlub u stante li l-attrici qieghda titlob ammont li skond hi jirrizulta minn kont bejn il-partijiet, l-eccipjenti tirriserva li teccepixxi ulterjorment meta tinghata rendikont ta' dak li qieghed jintalab;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija konvenuta ma ghandhiex taghti flus lill-attrici ghall-akkwist mill-konvenuta ta' ishma fil-kumpannija PriceClub Holdings limited u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;
3. IIIi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tal-1 ta' Frar, 2008;

Rat in-nota ta' referenza tas-socjeta' attrici tat-13 ta' Frar, 2008;

Rat illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma ipprezentatx nota ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi kien hemm negozju bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta. Effettivament Mario Pullicino xehed illi s-socjeta' konvenuta kellha fondi illi kellhom jidhlu l-bank u l-istess socjeta' konvenuta kienet ser tpoggihom ghall-kreditu tal-kontijiet tas-socjeta' attrici. Illi skond dan ix-xhud kien hemm pagamenti

regolari li kienu qeghdin isiru kull xahar u l-pagamenti kienu ta' hames telef lira Maltin (LM5,000) fix-xahar li kienu qeghdin jithallsu mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Illi irrizulta mix-xhieda ta' Patrick Clarke illi kien jahdem bhala accountant mas-socjeta' konvenuta illi kemm is-socjeta' attrici, kif ukoll is-socjeta' konvenuta kienu 'shareholders' fil-Price Club. Ix-xhud qal illi kienet saret laqgha fil-fergha tal-Bank of Valletta tan-Naxxar illi ghaliha kien prezenti hu ghas-socjeta' konvenuta, Chris Gauci ghas-socjeta' attrici u Mario Pullicino ghall-Bank of Valletta. Sar commitment quddiem l-ufficjali tal-bank li kien hemm xi ammonti li kellhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u l-ammont dovut kien ta' madwar sebghin sa tmenin elf lira Maltin. Ix-xhud qal illi huwa kien obbliga ruhu ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fil-prezenza tal-ufficjali tal-bank li kienu ser ihallsu lis-socjeta' attrici ammont fix-xahar, u jekk mhux sejjer zball l-ammont kien ta' hames telef lira (LM5,000). Il-pagamenti kienu isiru billi s-socjeta' konvenuta kienet taghti cheque ta' hamest elef lira fix-xahar lis-socjeta' attrici. Ix-xhud qal illi huma komplew jaghmlu dawn il-pagamenti sa kemm inqalghet il-kwisjtoni tal-Price Club, cioe' il-falliment tal-Price Club, li eventwalment inghalaq f'April tas-sena 2001. Ix-xhud qal ukoll illi f'Mejju tas-sena 2001 is-socjeta konvenuta kienet injettat bhala capital tal-Price Club is-somma ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) u dak iz-zmien is-socjeta' konvenuta kien fadlilha thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamsa u erbghin elf lira Maltin (LM45,000) u meta saret din l-injezzjoni tal-kapital hallsu ferm aktar minn dak li kellhom jaghtu lil ta' Gauci, cioe' mill-hamsa u erbghin elf lira (LM45,000) li kien ghad fadlilhom jhallsuhom, u ghalhekk, skond ix-xhud, is-socjeta' konvenuta ma kellha thallas xejn aktar lis-socjeta' attrici. Huwa qal li dejjem kien jagixxi skond l-istruzzjonijiet li kien jaghtih Victor Zammit. Ix-xhud kompla jghid illi meta saret l-injezzjoni tal-kapital tal-Price Club li semma fix-xiehda tieghu kienet saret laqgha bejn Victor Zammit, s-socjeta' konvenuta u Chris Gauci ghas-socjeta' attrici, fejn saru l-konteggi kollha u kienu ikkonkludew li l-ammont li kien ghad fadlilha tiehu s-

socjeta' attrici kien ta' cirka hamsa u erbghin elf lira (LM45,000), izda ta' Gauci ma accettawx dan l-ammont u x-xhud jiftakar illi l-kontestazzjoni da parti ta' Gauci kienet ghar-rigward ta' pagament ta' ghaxar telef lira Maltin (LM10,000), illi s-socjeta' konvenuta kienet qeghda tallega illi dan il-pagament kienet diga ghamlitu. Ix-xhud kompla jghid illi Victor Zammit kien qallu illi l-injezzjoni tal-kapital ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) kellu jinqasam bejn tnejn mis-shareholders u cioe' bejn Zammit u Gauci u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet hallset nofs is-somma ta' mija u tmienja u sebghin elf lira (LM178,000). Patrick Clarke xehed ukoll illi huwa cert illi kemm it-Taormina Holdings u kif ukoll il-kumpannija 2000 kienu jappartjenu lil Gauci.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Christopher Gauci, Direttur tas-socjeta' attrici. Huwa qal illi s-socjeta' attrici kienet azzjonista ewlenija tas-socjeta' Day to Day Limited fl-1998, u dak iz-zmien din is-socjeta' kienet toppera zewg supermarkets u kellha fil-pussess taghha il-proprjeta gewwa Valley Road Birkirkara li kienet tinkera lis-socjeta' Day to Day Limited. Huwa xehed illi fl-1998 kienu iltaqghu ma Victor Zammit biex jiddiskutu l-possibilta li jiffurmaw chain ta' supermarkets u akkwistaw is-supermarkets maghrufin bhala l-Price Club. Huwa qal illi l-azzjonisti tal-Price Club Holding Limited kienu is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' 2000 Holdings Limited. Is-socjeta' 2000 Holdings Limited kienet kumpannija sussidjarja tas-socjeta' attrici f'hamsa u sebghin fil-mija tal-ishma, filwaqt illi il-kumplament tal-hamsa u ghoxrin fil-mija l-ohra kienu tas-socjeta' Wallace Investments Limited. Biochemicals International Limited kellha hamsin fil-mija ta' l-ishma tal-Price Club Holdings Limited, filwaqt illi 2000 Holdings Limited kellha ir-rimanenti hamsin fil-mija. Ix-xhud qal illi biex gie finazjat dan in-negozju isselfu miljun u erba mitt elf lira Maltin (LM1,400,000) mill-Bank of Valletta u r-rimanenti sitt mitt elef lira Maltin (LM600,000) kienu ser jigu mis-shareholders tal-Grupp Price Club; liema shareholders kienu is-socjeta' 2000 Holdings u s-socjeta' konvenuta. Dan l-investiment ta' sitt elf lira Maltin (LM600,000) kellu

isir konguntament f'ishma indaqs minn 2000 Holdings Limited u mis-socjeta' konvenuta u precisament fis-somma ta' tlett mitt elf lira (LM300,000) kull wiehed. Christopher Gauci kompla jixhed illi kienu ftehmu ma Victor Zammit illi s-socjeta' konvenuta kellha tohrog sehemha billi thallas hamsin elf lira (LM50,000) in kontanti , mija u hamsa u erbghin elf disa mija u hamsa u tmenin lira u sitta u sittin centezmu (LM145,985.66) kellhom jinqatghu minn bejgh tal-prodotti lil Price Club Group u il-bilanc ta' mija u erba' telef erbatax il-lira u erba u tletin centezmu (LM104,014.34) kellu jithallas fi stadju ulterjuri. Fuq il-kuntratt il-Price Club hallset dan l-ammont billi addebitatu lil Biochemicals International li hallset billli baqghet debitrici ta' dan l-ammont fil-konfront tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor, skond ix-xhud, is-socjeta' attrici iffinanzjat lis-socjeta' konvenuta billi irrikkonoxxiet il-hlas minghand il-Price Club u accettat li tithallas fi stadju sussegwenti minghand is-socjeta' konvenuta dawk il-flus li Biochemicals International kellha tinvesti fil-Price Club. Il-hlas ta' hamsin elf lira (LM50,000) sar b'cheque li ghadda ftit wara l-kuntratt. Fuq il-bilanc li s-socjeta' konvenuta kellha taghti lis-socjeta' attrici cioe' ta' mija u erba' telef erbatax il-lira u erba u tletin centezmu (LM104,014.34) kien sar ftehim mas-Sur Zammit u Patrick Clarke, li dak iz-zmien kien financial controller tas-socjeta' konvenuta, fis-sens illi Biochemicals International tassumi overdraft li kellha s-socjeta' konvenuta mal-Bank of Valletta u kwindi li thallas lis-socjeta' attrici billi thallas id-dejn li Toarmina Holdings kellha mal-Bank of Valletta. Fil-fatt dan kien gie accettat mis-Sur Zammit u kienu saru diversi laqghat mal-Bank of Valletta fil-persuna tas-Sur Mario Pullicino, branch Manager tan-Naxxar, li ghalihom kien attenda wkoll Patrick Clarke, u dan sabiex l-overdraft in kwistjoni jigi assunt minn Biochemicals International. Wara numru ta' laqghat saret il-proposta u bdiet tigi annalizzata l-implimentazzjoni taghha u s-Sur Pullicino, li kien jaf bir-rapporti tajbin li kien hemm bejn il-partijiet dak iz-zmien, kien issuggerixxa li l-facilita tibqa fuq it-Toarmina Holdings u li s-socjeta' konvenuta taghmel pagamenti ta' hames telef lira Maltin (LM5,000) fix-xahar sakemm jinqata il-bilanc bl-interessi, jew billi tiddepozitahom fil-kont ta' Toarmina Holdings. Is-suggeriment gie accettat u l-

overdraft account gie ikkonvertit f'loan account bil-ftehim li tali loan kellu jinqata b'pagamenti ta' hames telef lira Maltin (LM5,000) fix-xahar. Fil-fatt ghaddew diversi pagamenti ta' hames telef lira (LM5,000) b'dan il-mod, li kienu ammontaw ghas-somma ta' hamsa u erbghin elf lira (LM45,000). Fil-bidu tas-sena 2001 kienu bdew il-problemi tal-Group Price Club u f'Marzu 2001 is-Sur Zammit ghamel l-ahhar pagament tieghu. Skond ix-xhud il-bilanc pendenti sa dakinhar baqa pendenti sal-gurnata tal-lum. Meta ma sarux aktar pagamenti fil-bidu tas-sena 2003, is-socjeta' attrici kellmet lil avukat taghha, li baghat ittra lis-Sur Zammit, saret laqgha u fil-15 ta' April 2003 ix-xhud iltaqa mas-Sur Zammit u ma Patrick Clarke u kien gie imwieghed li fi zmien ghaxart ijiem kien ser jircievi proposta tas-schedule of payment, izda din il-proposta baqghet qatt ma waslet ghalkemm huwa baqa jigri wara s-Sur Zammit u dan ta' l-ahhar baqa iwieghdu li kien ser ihallas. Eventwalment is-Sur Zammit ikkonfrontah fis-sens illi ma kienx bi hsiebu jhallas ghaliex hass illi kien spicca minn taht fil-hlasijiet li saru lill-kredituri tal-Price Club u qallu li jekk irid jithallas setgha jiftahlu kawza.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Victor Zammit, Direttur tas-socjeta' konvenuta, u ikkonferma illi s-somma tat-tlett mitt elf lira Maltin (LM300,000) kienet dovuta mis-socjeta' konvenuta u illi kien hemm u ghad hemm relazzjoni diretta bejn is-socjeta' konvenuta u is-socjeta' attrici peresss illi l-hlasijiet kellhom isiru lis-socjeta' attrici. Huwa xehed illi kien jhalli kollox f'idejn l-accountant tieghu Patrick Clarke u li ma setghax jghid dwar x'pagamenti saru jew ma sarux, izda ghalih l-ammonti kollha li kellhom jithallsu lis-socjeta' attrici thallsu, b'mod partikolari meta f'April 2001 kien hareg ammont anke ghan-nom ta' l-azzjonisti l-ohra kollha. L-ammont kien thallas mill-kredituri tal-Price Club u dan l-ammont kien ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000)Ix-xhud qal illi Joswe Gauci kien qallu li la darba kien ser johrog l-ammont kollu hu, cioe' relattivament ghall-ammont ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) huwa kien qallu illi sussegwentement kien ser ihallsu lura. Ix-xhud qal illi

Joswe Gauci fl-ebda hin ma hallas lura l-ammont, cioe' sehmu mill-ammont li kien hareg hu. Ix-xhud xehed ukoll illi hadha illi meta Joswe Gauci qallu dak il-kliem huwa kien qed jitkellem mhux ghalih biss, izda ghas-socjetajiet l-ohra kollha fejn kien hemm involuti ta' Gauci. Ix-xhud kompla jghid illi snin wara li kien ghamel il-pagament imsemmi, Chris Gauci kien semmhielu li kien ghad hemm ammonti dovuti lis-socjeta' attrici, izda skond hu l-accountant tieghu, Patrick Clarke, kien infurmah illi s-socjeta' attrici kellha taghti lis-socjeta' konvenuta peress illi bil-hlas ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) is-sehem ta' Gauci kien jissorpassa l-ammont li kien ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ix-xhud ikkonferma li s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda sehem fil-Price Club. Sussegwentement Victor Zammit rega' xehed u qal illi meta ghamel il-pagament ta' mija tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) huwa kien ghamilha cara li dan il-pagament kien qieghed jaghmlu wkoll f'isem ta' Gauci u dana wara li Joswe Gauci kien gie ikellmu l-ufficju tieghu u kien qallu li huwa ma setghax johrog aktar flus.

Illi sussegwentement xehed Joswe Gauci u ikkonferma li huwa kien jaf li Victor Zammit kien ser johrog pagament ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000), izda xehed illi dwar dan l-ammont huwa ma kellu x'jaqsam xejn, qatt ma gie avvicinat biex jhallas dan l-ammont u jekk Victor Zammit ried ihallas din kienet affari tieghu u il-fatt illi Zammit hallas dan l-ammont ma kien ta ebda beneficcju ghalih. Huwa xehed illi huwa ma kellux x'jaqsam mal-Price Club, kien biss Direttur tas-socjeta' attrici li kienet azzjonista fil-Price Club. Huwa xehed ukoll illi Victor Zammit qatt ma avvicinah biex jghidlu li kien ser johrog il-mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) anke f'ismu, jew f'isem is-socjeta' attrici u qal illi ma jafx ghalfejn Zammit hareg dawn il-flus.

Ikkunsidrat :

Illi rega xehed Victor Zammit f'dawn il-proceduri u qal illi s-somma imsemmija fil-kawza mhijiex ikkontestata minnu, izda il-kontestazzjoni tieghu hija fis-sens illi meta kienet

ser tfalli l-Price Club l-awdituri imqabbdin mill-kredituri talbu lis-shareholders tal-Price Club biex johorgu l-flus biex jaghtu injezzjoni ta' kapital lil Price Club. Victor Zammit hareg somma konsiderevoli ta' flus ghal dan l-iskop u sostna illi dan ghamlu bi qbil ma Joswe Gauci fis-sens illi parti mis-somma li kien qieghed johrog kollha tinqata minn dak illi s-socjeta' konvenuta kellha taghti lis-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat :

Illi "in poche parole" Victor Zammit kien ta l-permess tieghu sabiex kreditur tal-Price Club, Alf Mizzi & Sons, li kellu wkoll jaghti somma konsiderevoli lis-socjeta konvenuta, ihallas lill-kredituri tal-Price Club minflok is-socjeta' kovenuta. Dan il-permess sar minghajr konsultazzjoni mas-socjeta' attrici, u meta in-negozjati mat-Taljani illi kellhom jixtru l-Price Club ma irnexxewx, Zammit ippretenda li ipaci l-kontribut li kien ghamel mad-dejn li kellu mas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat :

Illi Victor Zammit ipprezenta dokument illi jinsab a fol. 69 tal-process, id-Dokument VZXY1, li fiha allega illi s-somma ta' tletin elf mitejn u sitta u tletin lira Maltin huma dovuti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u a fol 70 l-istess dokument juri illi li s-socjeta attrici ghandha tiehu s-somma ta' mija u erba telef erbatax il-lira u erba' u tletin centezmu (LM 104,014.34) minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' attrici ghat-tielet darba regghet ressqet lil Victor Zammit bhala xhud u ipproduciet l-affidavit ta' Victor Zammit fi proceduri ohrajn a skop li tiskredita lil l-istess Zammit, peress illi fil-proceduri l-ohrajn, Zammit kien xehed fl-affidavit tieghu, illi gie esebit f'dawn il-proceduri, illi din is-somma ta' mija tmienja u sebghin elf seba mija tnejn u hamsin lira u sebghin centezmu Maltin (LM178,752.70) harigha wahdu u mhux ukoll f'isem haddiehor.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda xhud.

Ikkunsidrat :

Illi f'din il-kawza preliminarjament jidher car illi s-socjeta attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta konvenuta s-somma ta' mija u erbat elef erbatax il-lira Maltin u erba u tletin centezmu (LM104,014.34) minghand is-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mid-Dokument TH2 ipprezentat mis-socjeta attrici u konfermat minn Victor Zammit permezz ta' prospett esebit minnu stess a fol. 70 tal-process.

Illi preliminarjment ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' mija u erbat elef erbatax il-lira u erba u tletin centezmu (LM104,014.34) u mhux ta' mija u sebgha u tletin elf erba mija u sitta u sittin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (LM137,466.43) kif qed tallega s-socjeta attrici a fol.158 fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Illi dwar il-mertu, is-socjeta konvenuta ibbazat ruhha fuq il-fatt illi skond hi ma ghandha taghti xejn ghaliex kien hemm xi pagamenti li ghamlet ghan-nom taghha u ghan-nom tas-socjeta attrici u li taghhom ghadha sal-lum ma thallsitx.

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ammettiet illi ghandha taghti s-somma ta' mija u erba' telef erbatax il-lira u erba u tletin centezmu (LM104,014.34) lis-socjeta attrici u il-Qorti trid tara jekk dan l-ammont giex verament pacut jew le.

Illi jinghad ukoll illi s-socjeta attrici qeghda tinnega li hija xi darba awtorizzat lis-socjeta konvenuta sabiex ghan-nom taghha tghaddi lill-awdituri tal-Price Club li kienu il-Pricewaterhouse Coopers s-somma ta' mija u tmienja u sebghin elf liri Maltin (LM178,000); liema somma s-socjeta konvenuta ghaddiet sabiex tipprova ssalva lill-Price Club. Effettivament is-socjeta konvenuta tikkontendi li hija ghandha tiehu nofs dan il-pagament u cioe s-somma ta' disa u tmenin elf liri Maltin (LM89,000) u ghalhekk illi din

is-somma ghandha tigi pacuta ma' dak li s-socjeta attrici tippretendi minghandha.

Ikkunsidrat :

Illi l-artikolu 1196 tal-Kap 16 jistabbilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija ipso iure. Din it-tpacija ssir anke meta ma jkunux jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed u d-djun jinqatghu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu indaqs.

Illi l-Artikolu 1197 tal-Kap. 16 jghid illi t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom t-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

Illi kif qalet din il-Qorti fil-kawza Marianna Spiteri et vs Joseph Vella deciza 3 ta' Mejju, 1993 :
"Minn dan isegwi li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha innifisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu, li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma ammont iehor dovut mill-kreditur."

Illi sa hawn kollox sew izda f'din il-kawza s-socjeta konvenuta qed tghid li ma ghandha taghti xejn ghax hija hallset l-ammont ta' disa u tmenin elf lira Maltin (LM89,000) ghan-nom tas-socjeta attrici. Izda dan gie kontestat u negat bil-qawwa mis-socjeta attrici. Inoltre, fl-affidavit ta' l-istess Zammit fi proceduri ohrajn, ipprezentat minn l-istess socjeta attrici, Zammit jaghti verzjoni ohra u cioe li dan l-ammont ta' mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) hallsitu kollha s-socjeta konvenuta.

Illi f'kazijiet simili fejn kollox jimpingi fuq il-provi prodotti l-Qrati taghna dejjem imxew illi f'kaz ta' xiehda konfliggenti bejn il-partijiet, ikun bizzejjed ghal Qorti li tkun moralment konvinta bix-xiehda ta' wiehed jew wahda mill-partijiet.

Illi fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-7 ta’ Lulju 2006 fl-ismijiet Dr Eric Mamo noe vs Josephine Carol Farrugia mart John” il-Qorti qalet  li :

“Il-Qorti ghandha tkun gwidata b’dawn iz-zewg principji: (a) jekk l-provi jikkorroborawx dak li xehed dwaru l-parti u (b)  jekk fuq bilanc ta’ probabiltajiet, liema verzjoni tal-partijiet hija l-aktar kredibbi.”

Illi inoltre s-socjeta konvenuta ma gabet ebda prova sabiex tissostanzja il-verzjoni taghha.  Din il-Qorti ma tarax illi s-socjeta konvenuta ippruvat sal-grad li trid il-ligi li hi kreditrici tas-socjeta attrici.  Ghall-kuntrarju, is-socjeta’ konvenuta strahet biss fuq il-provi prodotti mis-socjeta attrici u ma ressqet l-ebda provi u  b’hekk ma  irnexxilhiex tikkonvinci lil din il-Qorti illi meta s-socjeta konvenuta dahlet fi ftehim ma’ Pricewaterhouse Coopers sabiex thallas is-somma ta’ mija u tmienja u sebghin elf lira Maltin (LM178,000) dan ghamlitu wkoll f’isem is-socjeta attrici u bil-kunsens ta’ l-istess socjeta attrici.

Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tiddisponi minn din il-kawza billi filwaqt illi <u>tichad</u> l-eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta, <u>tilqa</u> t-talbiet tas-socjeta attrici u fir-rigward tat-tieni talba attrici tillikwida il-bilanc ta’ flus li ghad fadallu jithallas mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici fis-somma ta’ mija u erba’ telef u erbatax il-lira u erba u tletin centezmu (LM104,014.34)  ekwivalenti ghas-somma ta’ mitejn tnejn u erbghin elf mitejn tmienja  u tmenin Euro u erba u ghoxrin Euro centezmi (€242,288.24) u peress illi minn din is-somma qabel l-intavolar ta’ din il-kawza thallsu s-somma ta’ hamsa u erbghin elf lira Maltin (LM45,000) mis-socjeta’ konvenuta, il-bilanc illi s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici huwa ta’ disa u hamsin elf u erbatax il-lira Maltija u erba u tletin centezmu (LM59,014.34) ekwivalenti ghas-somma ta’ mija seba u tletin elf erba mija sitta u sittin Euro u tlieta u erbghin Euro centezmi (€137,466.43) u ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ghandha thallas din is-somma hekk likwidata ta’ mija seba u tletin elf erba mija sitta u sittin Euro u tlieta u erbghin Euro centezmi (€137,466.43) lis-socjeta’ attrici;

Bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet legali illi jibdew jiddekorru mil-lum kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------